Tema 1

# Aħna min aħna



**Tagħrif għall-għalliema: Din is-silta se tesponi 'l-istudenti għal lessiku li għandu x'jaqsam ma' mili ta' formoli b'dettalji personali.**

**Tema 1: Aħna min aħna**

**Silta tas-smigħ:**

Luca u Giselle imlew dawn il-formoli dwarhom infushom. Nisimgħu x'kitbu.

Il-formola ta' Luca

| | |
|---|---|
| Isem: Luca | Kunjom: Bartolo |
| Żmien: Tlettax-il sena | Nazzjonalità: Maltija |
| Indirizz: 15, Triq il-Lampuki, Buġibba | |
| Data tat-twelid: 10 t'Ottubru, 2003 | |
| Aħwa: Tlieta | Ikel Favorit: Pizza u għaġin il-forn |
| Passatemp: Futbol | Annimali fid-dar: Kelb, għasfur u fekruna |
| Ma nħobbx: Nixxotta l-platti | |

Il-formola ta' Giselle

| | |
|---|---|
| Isem: Giselle | Kunjom: Blanc |
| Żmien: Erbatax-il sena | Nazzjonalità: Franċiża |
| Indirizz: 8, Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk | |
| Data tat-twelid: 2 ta' Frar, 2002 | |
| Aħwa: Xejn | Ikel Favorit: Pastizzi tal-irkotta |
| Passatemp: Nilgħab fuq il-kompjuter | Annimali fid-dar: Qattus |
| Ma nħobbx: Niżbarazza l-kamra tiegħi | |



**Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ✓ fil-kaxxa:**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Kunjom Luca hu Bartolo. | | |
| 2. Luca għandu erbatax-il sena. | | |
| 3. Luca joqgħod fi Triq is-Sajjieda. | | |
| 4. Luca joqgħod Buġibba. | | |
| 5. Giselle toqgħod Marsaxlokk. | | |
| 6. Giselle twieldet fi Frar. | | |

**Eż. B: Agħżel it-tweġiba t-tajba:**

1. Luca hu (Franċiż, Malti).
2. Luca għandu (tliet, erba') ħutu.
3. L-ikel favorit ta' Luca hu pizza u (pastizzi, għaġin il-forn).
4. Luca għandu kelb, għasfur u (qattus, fekruna).
5. Giselle għandha (fekruna, qattus).
6. Giselle (ma tħobbx, tħobb) tiżbarazza l-kamra tagħha.



**Eż. Ċ: Imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel:**

1. Luca twieled f'_______________.
2. Luca ma jħobbx _______________l-platti.
3. Giselle hi _______________.
4. L-ikel favorit ta' Giselle huma l-_______________.

| | | | |
|---|---|---|---|
| pastizzi | Franċiża | jixxotta | Ottubru |